MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. EDWINA GRIMA

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2013

Numru 38/2008

**Il-Pulizija**

**(Spettur Josric Mifsud)**

**Vs**

**Joseph Camilleri, ta' 42 sena, bin George u Nazzarena nee' Attard, imwieled Rabat (Ghawdex), nhar il-25/10/1970, residenti fil-fond numru 3, Triq Madonna tal-Karmnu, Munxar, u detentur tal-karta ta'l-identita' bin-numru 27870G**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Joseph Camilleri li gie akkuzat talli nhar id-09 ta' Gunju 2008, u gimghat ta' qabel gewwa l-Munxar, u postijiet ohra gewwa dawn il-gzejjer:

1. Sabiex jikseb xi vantagg jew xi beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz billi pproduca bidel is-sett ta' pjanci tar-registrazzjoni KAT262 fuq il-karozza tal-ghamla Maruti Omni bin-numru ta' registrazzjoni falz EAZ645 billi wahhal dawn in-numri ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. U talli fl-istess zmien, lok u cirkustanzi ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi wahhal n-numru ta' registrazzjoni KAT262 fuq il-karozza tal-ghamla Maruti Omni bin-numru ta' registrazzjoni EAZ645 ai termini tal-Artikolu 189 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.
3. Fl-istess zmien, lok u cirkustanzi, saq karozza tal-ghamla Maruti Omni, meta in-numri tar-registrazzjoni kien KAT262 li kienu jappartjenu ghal vettura iehor, cioe' Austin Metro minghajr il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija jew ta'l-Awtorita Dwar it-Trasport Pubbliku, jew saq l-istess vettura minghajr ma kellu licenzja specifikata biex issuq l-imsemmi vettura, u b'hekk ma kienx kopert b'polza ta'l-assikurazzjoni ghar-riskji ta' terzi persuni, ai termini tal-Artikoli 17, 18, 21 u 31 tar-regolamenti tat-Traffiku (A.L. 128/1994) tal-Kap.65 u tal-Artikolu 3 tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. talli saq vettura meta ma kienx kopert b'polza ta'l-assikurazzjoni ghall-riskji fuq terzi persuni u dan bi ksur tal-artikolu 3 tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet il-provi

Rat d-dokumenti esebiti.

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali tal-11 ta' Mejju 2010.

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz jigi trattat u deciz bil-procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet trattazzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta illi fid-09 ta’ Gunju 2008, l-pulizija kienet irceviet informazzjoni anomina dwar vettura, Maruti Van Omni, li kienet tinsab ipparkeggjata fi Triq il-Madonna tal-Karmnu, il-Munxar u li kellha pjanci ta’ registrazzjoni foloz. Il-pulizija accedew fuq il-post u fil-fatt sabu l-imsemmija vettura li minn investigazzjonijiet ulterjuri irrizulta illi fuqha kellha pjanci ta’ registrazzjoni bin-numru KAT262 li kienu jappartjenu vettura ohra tal-ghamla Austin Metro. Illi ghalhekk gie mitkellem l-imputat fejn skond ix-xhieda tal-Ispettur Josric Mifsud jirrizulta illi huwa ammetta ghal dana il-fatt u iddikjara illi kien ser jirregola ruhu. Fil-fatt mill-atti jirrizulta illi dak in-nhar stess u cioe’ fid-09 ta’ Gunju 2008, inharrget polza ta’l-assikurazzjoni fuq il-vettura tal-ghamla Maruti bin-numru ta’ registrazzjoni EAZ645 fil-14:39hrs. Iktar tard jirrizulta ukoll illi inharrgu pjanci ta’ registrazzjoni godda ghal dina l-vettura. L-imputat ma jigix interrogat u ma tittiehidlux stqarrija.

Illi abbazi ta’ dawn l-investigazzjonijiet ghalhekk gew intavolati il-proceduri odjerni fil-konfront ta’l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi l-akkuzi ewlenija migjuba fil-konfront tal-imputat huma dawk tal-falsifikazzjoni. Illi fir-rigward ta’ dana r-reat, il-ligi taghna tikkontempla diversi forom ta’ falz f’dokumenti pubblici u skritturi privati. Illi meta wiehed ihares lejn l-akkuzi jirrizulta illi l-imputat huwa akkuzat kemm bl-hekk imsejjah falz materjali kif ukoll bil-falz ideologiku. Illi certament dawna inghataw kollha bhala akkuzi alternattivi u dana peress illi kull disposizzjoni tal-ligi tikkontempla kuncett legali separat ta’ modalita’ kif jigi kommess il-falz. Kif gie ritenut f’diversi sentenzi moghtija mill-qrati taghna fosthom f’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet “**Il-Pulizija vs Paul Galea**” deciza fis-17 ta’ Ottubru 1997:

"**Id-differenza bejn il-falz materjali u il-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi iffalsifikat fl-essenza tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cioe' fil-kontenut idejali tieghu (ara antolisei F. Manuale di Diritto Penali – V.VI n.2296 – 829). Ikun hemm falz materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur rejali tad-dokument jew meta d-dokument ikun isubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwin "*non e' veridico, perche colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero". Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita' jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew ta' volonta (Antolisei F. op.cit p594). S'intendi b'kitba wiehed ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' issir kemm bl-id, kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezz indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu imqar temporanjament il-messagg …***"

Illi dana l-kaz kien jitratta pjanci ta' registrazzjoni foloz billi l-vettura kellha imwahhla fuqha pjanci ta' registrazzjoni li kienu jappartjenu vettura ohra. Illi hawnhekk allura jista' jirrizulta r-reat tal-falsifikazzjoni a tenur ta'l-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 u cioe' tar-reat tal-falz ideologiku u mhux tal-falz materjal kif ravvizat fl-artikolu 183, 184 u 185 tal-Kapitolu 9. Dana qed jinghad peress illi il-pjanci ta' registrazzjoni ma kienux xi dokumenti iffalsifikati fl-essenza taghhom. Hawnhekk si tratta ta' falsifikazzjoni ideologika ghaliex l-imputat ghamel uzu minn dokument li jindika informazzjoni skorretta sabiex jinkiseb il-vantagg kif spjegat fl-artikolu 188.

Illi stabbilit ghalhekk illi legalment tista tinstab htija ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 188 tal-Kapitolu 9, il-Qorti

tosserva illi fin-nota ta’ rinviju ghal gudizzju ta’l-Avukat Generali jindika l-artikoli 188 u 189. Billi dawn iz-zewg imputazzjonijiet gew moghtija bhala kap alternattiv il-wiehed ghall-iehor, il-Qorti ser issib htija biss ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 188 kif inghad.

Ikkunsidrat,

Illi l-Avukat Generali jindika ukoll diversi regolamenti ta’l-Avviz Legali 128 ta’l-1994. Illi dawn ir-regolamenti ghandhom x’jaqsmu ma’ sewqan ta’ vetturi fit-triq minghajr licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u minghajr pjanci ta’ registrazzjoni. Illi dawn l-akkuzi jirrizultaw ippruvati billi huwa fatt mhux ikkontestat illi fil-jum illi l-vettura giet intercettata mill-pulizija fit-triq hija ma kellhiex licenzja imhallsa billi mix-xhieda ta’ Saviour Farrugia, rapprezentant ta’ Transport Malta jirrizulta illi l-licenzja ghat-triq ta’ dina il-vettura kien thallset sa Novembru 2002. Illi ghar-rigward ta’l-assikurazzjoni ghal dina l-vettura jirrizulta illi t-telefonata anonima dahhlet l-ghassa tal-pulizija fit-tlieta ta’ wara nofs in-nhar. Illi mix-xhieda ta’ Eucharist Mercieca, rapprezentant Thomas Smith Insurance, jirrizulta illi l-assikurazzjoni ghal dina l-vettura thallset mill-imputat ghal habta tat-tlieta neqsin ghoxrin ta’ wara nofsinhar. Kwindi fil-mument illi l-pulizija wasslu fuq il-post l-vettura mertu tal-kawza kienet assikurata. Illi l-Qorti sa hawn tista tasal billi ma hemmx provi dwar fejn kienet il-vettura qabel il-hin in kwistjoni u cioe’ jekk kenitx fit-triq. Ghal dawn il-motivi il-Qorti ser tillibera lill-imputat minn dina l-akkuza fuq nuqqas ta’ provi.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikoli 188 u 17(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-regolamenti 17, 18, 21 u 31 tal-Avviz Legali 128 ta’l-1994, filwaqt li tillibera lill-imputat mill-ahhar akkuza migjuba fil-konfront tieghu fuq nuqqas ta’ provi, issibu hati tal-kumplament, izda wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkomettiex reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul dana il-perijodu ta’ liberta kundizzjonata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------